**Ruling mogħti mill-President tal-Kamra l-Onor. Myriam Spiteri Debono, fis-Seduta 150 tal-21 ta' Novembru 1997 dwar Ksur ta' Privileġġ – Rappurtaġġ f'ġurnali**

## RULING TA' MADAM SPEAKER

Nixtieq ninforma lill-Kamra li fir-rigward tal-każ ta' ksur ta' privileġġ imqajjem mill-Onor. Francis Agius fis-Seduta Nru. 144 tat-18 ta' Novembru, 1997 is-Sedja semgħet it-tape tat-trasmissjoni tar-radju li għaliha rrifera l-Onor. Membru u eżaminat it-transcript tal-parti rilevanti.

Għall-eżattezza jrid jingħad li minn dan l-eżami ma jirriżultax li kien hemm riferenza li kien il-Kap ta' l-Oppożizzjoni li qal lill-Onor. Francis Agius kif għandu jivvota, għax il-kelma użata hija "qalulu" u m'hijiex speċifika għal xi ħadd partikolari. Kieku rriżulta dan, is-Sedja kien ikollha teżamina wkoll jekk hemmx każ ta' ksur ta' privileġġ fil-konfront ta' l-Onor. Fench Adami. Għaldaqstant is-Sedja llimitat ruħha għall-każ ta' ksur ta' privileġġ fil-konfront ta' l-Onor. Agius.

Bla dubju l-messaġġ li ġie trasmess kien li l-Onor. Francis Agius eżerċita d-dritt tiegħu tal-vot taħt xi pressjoni li ċeda għaliha. Għaldaqstant is-Sedja jidhrilha li fil-konfront ta' l-Onor. Membru milqut hemm prima facie ksur ta' privileġġ skond subinċiż (4) paragrafi (j) u (k) ta' artiklu 11 ta' l-Ordinanza dwar is-Setgħat u l-Privileġġi tal-Kamra tad-Deputati u jrid jingħad li, skond subinċiżi (6) u (7) ta' artiklu 11, il-kelma "pubblikazzjoni" tinkludi wkoll xandir. Għaldaqstant is-Sedja se tirriferi dan l-istess każ għall-konsiderazzjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Privileġġi.

Is-Sedja tħoss ukoll li rimarki sessisti, bħalma saru fl-istess trasmissjoni fuq riferuta fil-konfront ta' min jokkupa s-Sedja, m'għandhomx isiru u żżid li dan la jagħmel ġid lil min jagħmilhom u lanqas huwa ta' ġid fis-soċjeta' tagħna, fejn kulħadd jaqbel li n-nisa u l-irġiel ikollhom sehem sħiħ u effettiv f'kull qasam.